XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.31 (Wieħed u Tletin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill it-Tlieta, 20 ta' Marzu, 2012 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Antonia Buttiġieg |
| | Mario Buhagiar |
| | Claire Depasquale |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

   3.1 Is-Sindku beda biex qal li rigward il-Ġemellaġġ, l-ammont ta' flus li kellna nirċievu jiġifieri €5000 ħadnihom u tlabna għad-differenza ta' spejjeż li għamilna li telgħu għal €1680.

   3.2 L-applikazzjoni ta' Destination Malta saret u issa qegħdin nistennew li nindikawlhom is-siti fejn ser jinġibdu l-filmati.

   3.3 Is-Sindku qal li rigward il-kuntratt ta' l-iskart riċiklabbli mal-Green Pak issa ġie mġedded pero' għad għandna xi lmenti li ser jieħdu ħsiebhom il-Green Pak.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

3.4 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal issa għandna kollox ikkonfermat mill-Ministru l-Onor. C Mifsud Bonnici fejn is-Sur Ranier Busuttil huwa s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Xgħajra mill-1 ta' Marzu 2012.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza:-

4.1 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt ser ikun hemm *Open Day* ġewwa l-impjant u ser norganizzaw shuttle service sabiex ir-residenti jkun jistgħu jmorru jaraw l-impjant ta' Barkat. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera biex jekk jafu xi nies li jixtiequ jmorru jistgħu javżawhom li t-trasport ser ikun fid-9.00 fil-11.00 u f'12pm

Is-Sindku qal li rċevejna l-Minuti ta' l-aħħar laqgħa tal-Monitoring Committee li saret nhar it-28 ta' Frar u tajjeb li nagħmlu kopja lill-Kunsilliera. Il-Laqgħa li jmiss hija f'April. Qiegħed jiġi ssuġġerit li fil-laqgħat tal-Monitoring Committee nibdew nistiednu membri tal-pubbliku sabiex ikunu aktar involuti f'dak li jkun qiegħed jiġri.

4.2 WSC kwistjoni ta' rwejjaħ. Is-Sindku qal li Triq San Leonardo qiegħdha titwessgħa pero' hemm problema għaliex hemm parti minnha qiegħdha l-isfel u l-ħaddiema ma jistgħux jaħdmu f'dan il-periklu.Biex jitkompla x-xogħol f'ċertu partijiet hemm talba sabiex it-triq tingħalaq għal ftit żmien u l-vetturi tal-WSC jgħaddu mix-Xatt. Is-Sur Mario Buhagiar qal li jekk hemm il-bżonn ma nistgħux inżommuhom pero' s-Sindku qal li jridu jagħtuna żmien eżatt kemm ser idumu. Biex joħorġu t-trakk minn isfel u tkun naqra xita jimlew kullimkien bil-ħamrija. Is-Sindku qal li jistgħu jagħmlu sistema tal-wardens bil-lights kull naħa bħal ma kienu għamlu darba. Jekk jgħidulna li għandhom bżonn għal tlett ijiem biss ikun aċċettabbli imma qalulna li dan ser idumu iżjed.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhar ta' Frar, 2012 ġie approvat.

6. Item Nru 6 fuq l-aġenda: Proġett Recreational/Sports Centre

6.1 L-applikazzjoni li għamilna tal-*Good Causes Funds* ġiet irrifjutatha għax il-Ministru l-Onor. Tonio Fenech qal li m'aħniex eliġibbli peress li aħna Kunsill Lokali. L-applikazzjoni skond il-Minstru qeda għall- NGOs biss. Għamilna żewġ applikazzjonijiet taħt Memo 63/2011 u l-ammont totali huwa ta' madwar €90,000 li ser ikopru l-madum tal-proġett, il-fencing, railings kif ukoll l-ispejjeż li għandna żejda u li mhumiex inklużi fl-allokazzjoni.

Applikazzjoni oħra li għamilna hija dik tal-Playing Fields sabiex inkunu nistgħu nagħmlu t-tapit u l-bandli ta' max-Xatt.

Is-Sindku qal li l-Bills of Quantities u spejjeż tal-Proġett ġejjin jiswew iżjed minħabba li kellhom jinżlu aktar l-isfel u kellhom jagħmlu holding walls biex iżommu t-triq milli tinżel. Il-kontijiet qegħdin jintbgħatu itemised u qed ikunu skond ir-rata tat-tender. S'issa ser inkunu nfaqna €235,000 pero' biex innlestu skond il-kuntratt għandna bżonn aktar fondi. Is-Sindku qal li kemm hu kif ukoll il-Viċi Sindku ta' spiss jiltaqgħu mal-kuntrattur u mal-Periti tal-Kunsill.

Il-Ministru Austin Gatt bħal ma ntqal fil-Laqgħa ta' qabel bagħat lill-Perit tat-TM sabiex naraw x'nistgħu nagħmlu fix-Xgħajra. Mad-dawra tal-Proġett il-MEPA/Enemalta talbuna li nagħmlu culvert sabiex jgħaddu s-servizzi kollha minnu, bankina ġdida u holding walls. Is-Sindku qal li pproponejna wkoll toroq għar-resurfacing u rampa biex taċċessa l-Proġett. Hu mixtieq li dawn ix-xogħolijiet isiru mill-aktar fis u bdejna d-diskussjoni fuqhom imma kollox iħoll u jorbot ma' sa' fejn ser jgħinu ta' Trasport Malta.

Is-Sindku qal li tkellem mal-Kuntrattur ta' Smart City sabiex jagħtina fillings biż-żrar b'xejn għaliex dan jagħmluh huma bil-makkinarju tagħhom.

Is-Sindku talab ukoll lis-Sur Chris Ciantar sabiex jagħmlilna l-fencing ta' madwar il-Proġett sura ta' nies. Talbuna stima tal-fencing oħxon biex jaraw kemm jiġi jiswa ħalli jaraw sa fejn jistgħu jgħinuna. Is-Sindku fakkar ukoll li l-WSC kienu qiegħdin jagħmlux-xogħol tad-drenaġġ ġewwa l-Proġett u dan mingħajr flus. Imma sa jiswa lill-WSC xi €25,000.

In-nuqqas ta' flus li għandna fl-allokazzjoni kienu mwegħdin mill-Onor. Chris Said verbalment f'Jannar u kien qal lis-Sindku li ser jgħaddilna €15,000 u wara dan l-episodju daħħalnihom bħala *accrued income* w issa l-Awdituri talbuna bil-miktub minn fejn ġejjin. Is-Sindku qal li l-aħħar darba li rah lil Dr. Said qallu li hemm l-approvazzjoni u biex inkellmu lid-Direttur u dan ta' l-aħħar qallu li m'hemm xejn.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Is-Sindku qal li l-ħarġa li kellna saret u kienet suċċess. Kulħadd ġa ġost u kien sodisfatt.

7.2 Attivitajiet ta' l-Għid. Is-Sindku tkellem fuq il-figolli għat-tfal. Is-soltu nġibu sponsor u nippruvaw nagħmlu l-istess din is-sena wkoll. Ġiet proposta li dawn il-figolli jingħataw il-Ħamis 5 t'April.

7.3 Fun Run/Walk fil-Festa ta' Lapsi. Bħas-sena l-oħra s-Sindku ppropona li l-qliegħ kollu tagħha jmur għal Puttinu Cares u l-parteċipanti jingħataw midalja bħala tifkira. Is-Sindku qal ukoll li ser jirranġa sabiex nakkwistaw xi hampers biex jittellgħu kif għamilna s-sena l-oħra.

7.4 Ġie deċiż li bħas-snin ta' qabel, din is-sena nerġgħu nagħmlu ħarġa tal-visti tal-Knejjes f'Ħamis ix-Xirka.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Affarijiet Oħra

.

8.1 Dwar l-applikazzjoni tal-Laylay irridu naraw jekk hux ser noġġezzjonaw bħala Kunsill jew ikollniex xi gwadann fil-komunita'. Ġie miftiehem li nerġgħu nitkellmu fuqu l-quddiem meta ssir l-EIA.

8.2 Budget Annwali 2012 – Ġie ppreżentat il-Budget Annwali għas-sena 2012 u ġie Approvat unanimament. Is-Sindku spjega li din tal-Budget Annwali fl-oponjoni tiegħu mhux biss hija mingħajr sens imma kull Kunsill ma' jistax jonfoq iżjed minn dak l-ammont li jkun ġie allokat lilu. L-aġġustamenti jsiru biss għal dawk il-Kunsilli

XGĦAJRA

li jkunu ser jirċievu xi finanzi straordinarji minn entitajiet oħra. Fil-każ tax-Xgħajra dan ma jeżistix speċjalment għas-sena 2012. Imma kull Kusill huwa marbut bir-regolamenti li dan il-Budget irid isir. Fil-każ tax-Xgħajra dan huwa Budget ibbilanċjat skond l-ammont ta' l-allokazzjoni mill-Ġvern Ċentrali.

8.3 Laqgħa Pubblika - Kien hemm opinjoni li l-Laqgħa Pubblika ta' din is-sena ssir viċin ta' Jum Lapsi/Jum ix-Xgħajra. Dan is-suġġett ser jiġi diskuss fil-Laqgħa li jmiss.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda – Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn, 23 t'April, 2012 fis-6.00pm

_________________________ _________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt